MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 257/2011

**A B**

vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Dicembru tas-sena elf disa mija disa u sebghin (1979) skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness (Dok A);

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal illum kollha maggorenni;

Illi uliedhom X, Y, u Z jahdmu bi qligh filwaqt li L li ghandha dsatax (19) il-sena hija studenta universitarja;

Illi l-kondizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-Art 66B u 66D tal-Kap 16 huma sodisfatti stante:

- Illi l-partijiet ilhom ma jghixux flimkien minn Frar tas-sena elfejn (2002) u legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Gerard Spiteri Maempel tat-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (18.03.2002) (Dok B);

- Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom kwazi tnax il-sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u r-rikorrent ifforma rabtiet ma' persuna ohra;

- Illi r-rikorrent obbliga ruhu fil-kuntratt ta' separazzjoni li jmantni lill-intimata u lill-uliedu u hekk ghamel b'mod regolari .

Illi ai fini tal-Art 66N (1) (a) u (b) jigi dikjarat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u jghixu Malta.

Talab ai termini tal-Art 66 A et seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li sar bejn il-partijiet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elf disa mija disa u sebghin (1979);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija issottomettiet :

Li permezz taghha tikkonferma l-fatti kif eddotti fir-rikors numru 257/11 u taghti l-kunsens taghha ghad-divorzju mitlub mir-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Ottubru, 2011;

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimata li permezz taghha ikkonfermat il-fatti kif edotti fir-rikors Nru 257/2011 u tat il-kunsens taghha ghad-divorzju mitlub mir-rikorrent;

Rat l-affidavit ta’ l-intimata;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet ilhom separati legalment b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tat-18 ta’ Marzu 2002;

Rat illi irrizulta illi r-rikorrenti dejjem mantna lill-intimata u lill-uliedu kif obbliga ruhu illi jaghmel fil-kuntratt ta’ separazzjoni;

Rat illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet illi ilhom kwazi tnax (12) il-sena mifrudin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja d-divorzu bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------